Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT Is-serje C

C/2025/5112

22.9.2025

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU**

**tad-9 ta' Lulju 2025**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom**

**(BERS/2025/5)**

(C/2025/5112)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]) u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 458 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Filwaqt li:

(1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li jiġi kkumplimentat l-għarfien meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni b'reċiproċità volontarja.

(2) Il-qafas dwar ir-reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]) għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.

(3) Fit-30 ta' April 2025, l-Awtorità Superviżorja Finanzjarja Żvediża (Finansinspektionen), li taġixxi bħala awtorità maħtura għall-fini tal-Artikolu 458 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, innotifikat lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) bl-intenzjoni tagħha li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' żewġ miżuri nazzjonali aktar stretti eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 458(2), il-punt (d)(iv), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(4) B'mod partikolari, Finansinspektionen innotifikat lill-BERS bl-intenzjoni li: (a) biex jiġi estiż mill-31 ta' Diċembru 2025 għal perjodu ta' sentejn jew sakemm ir-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi ma jibqgħux jeżistu, il-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura ta' 25 % applikabbli bħalissa għall-iskoperturi Żvediżi għall-ipoteki fil-livell tal-konsumatur; u (b) li jiġi estiż mit-30 ta' Settembru 2025 għal perjodu ta' sentejn jew sakemm ir-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi ma jibqgħux jeżistu, (i) il-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju medju applikabbli bħalissa ta' 35 %, li japplika fil-livell tal-portafoll għal skoperturi korporattivi ggarantiti minn proprjetajiet kummerċjali, u (ii) il-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju medju applikabbli bħalissa ta' 25 %, li japplika fil-livell tal-portafoll għal skoperturi korporattivi ggarantiti minn proprjetajiet residenzjali. Il-miżuri nazzjonali aktar stretti eżistenti japplikaw kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi konsolidata għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji.

---

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1092/oj.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.
([4]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

(5) Il-Bord Ġenerali tal-BERS preċedentement iddeċieda li jinkludi dawn il-miżuri fil-lista ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali li huwa rrakkomandat li jiġu reċiprokati skont ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 ([6]).

(6) In-notifiki li waslu mingħand Finansinspektionen fit-30 ta' April 2025 jinkludu talba lill-BERS biex jirrakkomanda r-reċiproċità tal-miżuri ta' politika makroprudenzjali, skont l-Artikolu 458(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

(7) Ir-reċiproċità ta' miżuri makroprudenzjali attivata mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra, fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati humiex miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett, tillimita t-tixrid u l-arbitraġġ regolatorju, tindirizza r-riskji sistemiċi u b'hekk tippromwovi l-effettività ġenerali tal-politika makroprudenzjali billi tiżgura li r-riskji miżjuda jiġu indirizzati mhux biss fl-Istat Membru li introduċa miżura makroprudenzjali iżda wkoll fi Stati Membri oħra fejn il-gruppi bankarji huma esposti għal dawk ir-riskji miżjuda. Ir-rikonoxximent għandu għalhekk ikollu wkoll l-għan li jiżgura li gruppi bankarji esposti għal dawk ir-riskji sistemiċi jkunu reżiljenti biżżejjed. Għalhekk, il-miżuri makroprudenzjali li jirriżultaw minn deċiżjoni li jiġu rikonoxxuti l-miżuri makroprudenzjali ta' Stati Membri oħra għandhom b'mod ġenerali jiġu applikati fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali.

(8) Wara t-talba minn Finansinspektionen lill-BERS u sabiex: (a) jiġi prekluż li jseħħu effetti transkonfinali negattivi fil-forma ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jiġu kkawżati mill-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali applikata fl-Iżvezja skont l-Artikolu 458(2), il-punt (d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u (b) jinżammu kundizzjonijiet ekwi fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu taż-ŻEE, il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda li jkompli jinkludi dawn il-miżuri fil-lista ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali li huma rrakkomandati li jiġu reċiprokati taħt ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 u għar-rakkomandazzjoni tar-reċiproċità tal-miżuri fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali.

(9) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-BERS ([7]), tirrakkomanda li l-awtorità rilevanti li tattiva miżura ta' politika makroprudenzjali għandha, meta tippreżenta talba għal reċiproċità lill-BERS, tipproponi limitu ta' materjalità li taħtu l-iskopertura ta' fornitur individwali ta' servizzi finanzjarji għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura ta' politika makroprudenzjali tiġi applikata mill-awtorità ta' attivazzjoni tista' titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju.

(10) F'konformità man-notifiki riċevuti, il-livell limitu ta' materjalità fil-livell tal-istituzzjoni għar-reċiproċità tal-limitu medju attwali tal-ponderazzjoni tar-riskju ta' 25 % fuq l-iskoperturi Żvediżi għall-ipoteki fil-livell tal-konsumatur jenħtieġ li jinżamm għal SEK 5 biljun. Għal-limitu minimu medju attwali tal-ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 % applikat fil-livell tal-portafoll għal skoperturi korporattivi ggarantiti minn proprjetajiet kummerċjali u għal-limitu minimu attwali tal-ponderazzjoni tar-riskju ta' 25 % applikat fil-livell tal-portafoll għal skoperturi korporattivi ggarantiti minn proprjetajiet residenzjali, jenħtieġ li jinżamm ukoll il-limitu ta' materjalità attwali fil-livell tal-istituzzjonijiet ta' SEK 5 biljun. Iż-żewġ limiti għandhom jiġu vvalutati fil-livell konsolidat, subkonsolidat u individwali.

(11) Din l-emenda għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 ma taffettwax il-kontinwità tar-rakkomandazzjoni għar-reċiproċità tal-miżuri makroprudenzjali nazzjonali attivati mill-awtoritajiet Żvediżi, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2023/4 ([8]). L-emendi attwali għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 jirriflettu li r-reċiproċità issa hija rakkomandata fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata. Għalhekk, il-perjodu tranżitorju standard ta' tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* huwa applikabbli biss għall-miżuri, jew l-emendi għalihom, li l-awtoritajiet nazzjonali se jadottaw biex jirreċiprokaw iż-żewġ limiti minimi tal-ponderazzjoni tar-riskju fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

---

([6]) Ara r-Rakkomandazzjoni BERS/2023/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tas-6 ta' Lulju 2023 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 307, 31.8.2023, p. 1); ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni BERS/2019/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Jannar 2019 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 106, 20.3.2019, p. 1).

([7]) Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

([8]) Rakkomandazzjoni BERS/2023/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Jannar 2023 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 307, 31.8.2019, p. 1).

(12) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

**EMENDA**

L-Anness għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat skont l-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta’ Lulju 2025

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*F’isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

L-Anness tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-Iżvezja, it-taqsima intitolata "I Deskrizzjoni tal-miżuri" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"I. Deskrizzjoni tal-miżuri

1. Il-miżura Żvediża applikata f'konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja li jużaw l-approċċ IRB, tikkonsisti f'limitu minimu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' 25 % għall-medja ponderata skont l-iskopertura tal-ponderazzjonijiet tar-riskju applikat għall-portafoll ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur għall-obbliganti li jirrisjedu fl-Iżvezja ggarantiti bi proprjetà immobbli. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-ponderazzjonijiet tar-riskju tal-iskoperturi individwali kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ponderati mill-valur tal-iskopertura rilevanti. Il-miżura tapplika fuq bażi kkonsolidata, u individwali.

2. Il-miżura Żvediża applikata skont l-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u imposta fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Iżvezja bl-użu tal-approċċ IRB, tikkonsisti f'(livell) minimu speċifiku għall-ponderazzjoni tar-riskju ponderat skont l-iskopertura ta' 35 % għal ċerti skoperturi korporattivi fl-Iżvezja ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetajiet kummerċjali immobbli u (livell) minimu speċifiku għall-ponderazzjoni tar-riskju ponderat skont l-iskopertura ta' 25 % għal ċerti skoperturi korporattivi fl-Iżvezja ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetajiet residenzjali immobbli. Il-medja ponderata skont l-iskopertura hija l-medja tal-ponderazzjonijiet tar-riskju tal-iskoperturi individwali kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 153 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ponderati mill-valur tal-iskopertura rilevanti. Din il-miżura ma tkoprix skoperturi korporattivi garantiti minn: (i) proprjetajiet agrikoli; (ii) proprjetajiet li huma proprjetà diretta ta' muniċipalitajiet, stati jew reġjuni; (iii) proprjetajiet fejn aktar minn 50 % tal-proprjetà tintuża għan-negozju proprju; u (iv) proprjetajiet b'aktar minn abitazzjoni waħda fejn l-iskop tal-proprjetà mhuwiex kummerċjali (pereżempju assoċjazzjonijiet tad-djar li huma proprjetà tar-residenti u li ma jagħmlux profitt) jew fejn in-numru ta' abitazzjonijiet huwa inqas minn erbgħa. Il-miżura tapplika fuq bażi konsolidata, u individwali.";

(2) taħt l-Iżvezja, it-taqsima intitolata "II. Reċiproċità", il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jirreċiprokaw il-miżuri Żvediżi billi japplikawhom għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati domestikament billi jużaw l-approċċ IRB li għandhom skoperturi rilevanti għall-Iżvezja, inklużi skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà residenzjali u skoperturi korporattivi ggarantiti bi proprjetà kummerċjali jew residenzjali. Ir-reċiproċità għandha tapplika fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi jkunux miżmuma permezz ta' sussidjarji, fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett. Skont is-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jimplimentaw l-istess miżura kif applikata fl-Iżvezja mill-awtorità ta' attivazzjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.";

(3) taħt l-Iżvezja, it-taqsima intitolata "III. Livell limitu ta' materjalità", il-paragrafi 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. F'konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jeżentaw istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li jużaw l-approċċ IRB li għandhom skoperturi taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun għall-miżuri deskritti fil-paragrafi 1 u 2, rispettivament. Meta japplikaw il-livell limitu tal-materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat li japplikaw il-miżuri Żvediżi rilevanti għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali awtorizzati domestikament li qabel kienu eżentati meta jeċċedu l-livell limitu ta' materjalità ta' SEK 5 biljun għal dik il-miżura. Jenħtieġ li l-materjalità tal-iskoperturi tiġi vvalutata fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, u meta tiġi vvalutata fuq bażi subkonsolidata u konsolidata, l-iskoperturi kollha miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew li jirriżultaw minn għoti ta' self transkonfinali dirett, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta' materjalità.

7. Meta l-ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata domestikament li tuża l-approċċ IRB ma jkollha skoperturi fil-livell tal-konsumatur, kif deskritt fil-paragrafu 1, ta' aktar minn SEK 5 biljun, permezz ta' fergħat li jinsabu fl-Iżvezja u/jew self transkonfinali dirett, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huma rrakkommandati li jirreċiprokaw il-miżura deskritta fil-paragrafu 2 meta istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata domestikament li tuża l-approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' SEK 5 biljun.

8. Meta l-ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata domestikament li tuża l-approċċ IRB ma jkollha skoperturi fil-livell kummerċjali, kif deskritt fil-paragrafu 2, ta' aktar minn SEK 5 biljun, permezz ta' fergħat li jinsabu fl-Iżvezja u/jew self transkonfinali dirett, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huma rakkommandati li jirreċiprokaw il-miżura deskritta fil-paragrafu 2 meta istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata domestikament li tuża l-approċċ IRB teċċedi l-livell limitu ta' SEK 5 biljun."